MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 17/2021 LM

**Carolina Fabro Rando (Passaport Spanjol bin-Numru PAA211585) (debitament rappreżentata minn mandatarju tagħha Dr Michael Muscat LL.D K.I. 577691M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Jet Magic Air Personnel Limited (kumpannija rreġistrata fil-British Virgin Islands, numru ta' reġistrazzjoni BVI 1789713)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Carolina Fabra Rando** (numru tal-passaport Spanjol PAA211585) [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-

deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal'], tat-8 ta' Frar, 2021, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u ta' tkeċċija inġusta mill-impjieg li kellha mas-soċjetà intimata **Jet Magic Air Personnel Limited**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], filwaqt li ddeċieda li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti bdiet proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn spjegat li hija kienet impjegata mas-soċjetà intimata bħala *flight attendant,* u kienet ibbażata dejjem fi Spanja. Qalet li hija avviċinat lis-soċjetà intimata sabiex tinfurmaha li kienet qiegħda tistenna tarbija, u dan permezz ta' diversi *emails.* Spjegat li minħabba n-natura tax-xogħol tagħha hija kellha tinforma lis-soċjetà intimata bl-istat li kienet fih, sabiex setgħu jsiru l-arranġamenti neċessarji anki sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tiġi offruta xogħol alternattiv. Ir-rikorrenti qalet li s-soċjetà intimata mingħajr ġustifikazzjoni u mingħajr ma tatha biżżejjed żmien sabiex tagħmel l-arranġamenti li kellha tagħmel, infurmat lir-rikorrenti li kellha tirriloka f'Malta jekk riedet iżżomm l-impjieg tagħha. Qalet li minkejja l-istat li kienet fih, hija ġiet Malta u bdiet tipprova tfittex post fejn tgħix, u wara li sabet appartament hawn Malta, hija reġgħet avviċinat lis-soċjetà intimata sabiex tara kif kienet ser tkopri l-ispejjeż kemm tal-akkomodazzjoni u anki dawk relatati mar-rilokazzjoni tagħha, u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn pajjiżha sabiex tikkonsulta

mal-ġinnekologu tagħha kultant żmien. Ir-rikorrenti spjegat li esponenti tas-soċjetà intimata kienu infurmawha li l-kuntratt ta' impjieg li kien fis-seħħ bejnha u l-kumpannija ma kienx għadu jgħodd, u dawn l-ispejjeż kellha tagħmel tajjeb għalihom hi. Kompliet tgħid li din is-sitwazzjoni ma kinitx waħda sostenibbli għaliha u għalhekk iddeċidiet li tibgħat ir-riżenja tagħha u tirritorna lura lejn pajjiżha minħabba diversi żvantaġġi, fosthom nuqqas ta' fondi, u hekk kif waslet Spanja hija ġiet infurmata mis-soċjetà intimata li din kienet qiegħda taċċetta r-riżenja tagħha. Ir-rikorrenti qalet li hija qatt ma rriżenjat mill-impjieg li kellha, iżda meta ppruvat tispjega dan kollu lis-soċjetà intimata, din injoratha u waqfet tħallasha. Qalet li għalhekk hemm każ ta' tkeċċija inġusta, u l-mod kif hija ġiet ittrattata kien bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg) (L.S. 452.91). Ir-rikorrenti qalet li saret diskriminazzjoni fil-konfront ta' impjegati tqal, għaliex is-soċjetà intimata qiegħda tuża din is-sistema sabiex iġġiegħel impjegati tqal jirriżenjaw jew sabiex tkeċċihom inġustament.

**Mertu**

3. Permezz tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti talbet li (i) jiġi dikjarat li hija sfat imkeċċija mill-impjieg inġustament; (ii) li titpoġġa fl-istess sitwazzjoni li kienet fiha qabel ġiet imkeċċija inġustament mill-impjieg; (iii) li jiġi dikjarat li s-soċjetà intimata kisret il-kuntratt ta' impjieg bejn il-partijiet meta ċaħdet li tħallas l-ispejjeż relatati mar-rilokazzjoni tagħha f'Malta; (iv) li jiġi dikjarat li b'dan il-ksur kuntrattwali, ir-rikorrenti sofriet danni u għandha tiġi

kkumpensata; (v) li jiġi dikjarat li s-soċjetà intimata waqfet tħallas lir-rikorrenti b'mod inġust u arbitrarju u għandha tiġi kkumpensata għalhekk; (vi) li jiġi dikjarat li għal waqfien fil-ħlas min-naħa tas-soċjetà intimata, ir-rikorrenti għandha tiġi kkumpensata; (vii) li jiġi dikjarat li kien hemm ksur tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg) (L.S. 452.91); (viii) li jiġi likwidat il-kumpens dovut lir-rikorrenti konsistenti fi spejjeż mhux imħallsin u paga miżmuma mis-soċjetà intimata mid-data tat-tkeċċija inġusta sad-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal; (ix) li jiġi dikjarat li hemm diskriminazzjoni kontra impjegati tqal minħabba l-aġir tas-soċjetà intimata, u l-komunika ta' tali deċiżjoni tat-Tribunal lill-awtoritajiet rilevanti; (x) l-għoti ta' kwalunkwe rimedju li t-Tribunal jara xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qajmet xi eċċezzjonijiet preliminari relatati l-aktar mal-proċeduri quddiem it-Tribunal, wara li eċċepiet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Is-soċjetà intimata eċċepiet li ma tista' tirriżulta l-ebda tkeċċija inġusta u dan għaliex ir-rikorrenti qatt ma tkeċċiet mill-impjieg iżda kienet hija li għażlet li ma tirrappurtax aktar għax-xogħol. Qalet li għalhekk fl-ewwel lok ir-rikorrenti trid tipprova li hija tkeċċiet mill-impjieg, kif qed tallega. Is-soċjetà intimata spjegat li wara li r-rikorrenti infurmat lill-prinċipal tagħha li kienet qiegħda tistenna tarbija, hija ġiet offruta impjieg alternattiv hawn Malta li ma kienx ta' preġudizzju għas-saħħa u s-sigurtà tagħha, u dan taħt l-istess kundizzjonijiet ta' impjieg li kellha meta kienet għadha taħdem bħala *flight attendant*, inkluż l-istess salarju. Qalet li fil-fatt ir-rikorrenti aċċettat dan ix-xogħol alternattiv, iżda

wara biss ftit jiem hija iddeċidiet unilateralment li titlaq minn Malta u mix-xogħol alternattiv offrut lilha. Is-soċjetà intimata ċaħdet li kien hemm ksur tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg) kif allegat mir-rikorrenti, u t-Tribunal Industrijali ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex din terġa' tidħol fl-impjieg jew tingħata kumpens għaliex ir-rimedji fil-liġi huma alternattivi u mhux kumulattivi. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza jisma' u jiddeċiedi dwar it-tielet, ir-raba', is-sitt u t-tmien talbiet tar-rikorrenti, sa fejn qiegħed jintalab li hemm ksur kuntrattwali, u li jitħallsu d-danni riżultanti mill-istess, għaliex dawn it-talbiet jaqgħu fil-kompetenza tal-Qrati Ċivili u mhux tat-Tribunal. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li f'dan il-każ m'hemm l-ebda ksur tal-kuntratt ta' impjieg, u b'riferiment għall-klawsola 6.1 tal-kuntratt qalet li din tkopri biss spejjeż li huma direttament relatati mal-qadi tax-xogħol tar-rikorrenti u mhux dawk relattivi għall-għajxien tagħha, kif hija qiegħda tippretendi. Is-soċjetà intimata ċaħdet li hija aġixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti.

5. Ir-rikorrenti ppreżentat kopja ta' *email* datata 14 ta' April, 2018 li hija bagħtet lid-direttriċi tas-soċjetà intimata Caroline Loesner, fejn għamlet riferiment għall-fatt li fil-31 ta' Jannar, 2018 hija infurmat lis-soċjetà intimata bit-tqala tagħha, u għall-fatt li hija ġiet offruta impjieg alternattiv ta' natura amministrattiva mal-istess kumpannija. F'din l-*email,* ir-rikorrenti għamlet għadd ta' domandi sabiex tiċċara l-pożizzjoni tagħha, u temmet l-*email* billi infurmat lid-direttriċi tas-soċjetà intimata li sakemm hija tibqa' ma tirċevix konferma li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tagħha ser jiġu rispettati, hija kienet ser

tkun kostretta titlaq mill-impjieg għaliex ma kien ser ikollha l-ebda alternattiva oħra. Ir-rikorrenti ppreżentat ukoll kopja tal-kuntratt ta' impjieg iffirmat minnha fl-1 ta' Marzu, 2014, kif ukoll kopja ta' korrispondenza mibgħuta minnha fis-16 ta' April, 2018, fejn ir-rikorrenti infurmat lid-direttriċi tas-soċjetà intimata Caroline Loesner li l-offerta ta' impjieg alternattiv li saritilha, ma kinitx meqjusa bħala waħda 'xierqa', u għalhekk hija kienet ser tmur lura lejn Spanja. Ir-reazzjoni tad-direttriċi tas-soċjetà intimata kienet li hija kienet qiegħda taċċetta r-riżenja tar-rikorrenti minn mal-kumpannija, għal liema *email* ir-rikorrenti wieġbet li hija ma kinitx qiegħda tirriżenja, iżda kienet qiegħda tirritorna lura lejn darha għaliex ix-xogħol alternattiv offrut lilha ma kienx wieħed xieraq.

6. **Dr Ian Vella Galea**, għan-nom tas-soċjetà intimata, iddikjara li r-rikorrenti qatt ma tkeċċiet mill-impjieg, iżda kienet hi li ma resqitx aktar għax-xogħol wara li infurmat lill-prinċipal tagħha li kienet qed tistenna tarbija, u ġiet offruta impjieg alternattiv. Qal li l-impjieg alternattiv offrut lir-rikorrenti ma kienx ta' preġudizzju għas-saħħa u s-sigurtà tagħha, u dan l-impjieg alternattiv ġie offrut lilha taħt l-istess kundizzjonijiet ta' impjieg li kellha qabel, inkluż l-istess salarju. Qal li r-rikorrenti aċċettat dan ix-xogħol alternattiv, iżda wara ftit jiem hija ddeċidiet li titlaq minn Malta u mix-xogħol offrut lilha. Qal ukoll li s-soċjetà intimata dejjem imxiet *ai termini* tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) (L.S. 452.91), u l-ispejjeż li jagħmel riferiment għalihom il-kuntratt ta' impjieg, huma dawk direttament relatati mal-qadi tad-dmirijiet tax-xogħol tar-rikorrenti u mhux dawk relattivi għall-għajxien tagħha.

7. Ir-rikorrenti **Carolina Fabro Rando** fid-depożizzjoni tagħha quddiem it-Tribunal, spjegat li hija kienet impjegata bħala *senior flight attendant* u *instructor* mas-soċjetà intimata, u r-relazzjoni tagħha mal-kumpannija dejjem kienet waħda pożittiva, sakemm inqabdet tqila. Spjegat li kemm damet impjegata mas-soċjetà intimata hija kienet ibbażata ġewwa Barcelona u meta kienet fix-xogħol tagħha hija kienet ittir minn Montpellier fi Franza, fejn kien stazzjonat l-ajruplan li kienet taħdem fuqu. Ir-rikorrenti qalet li hekk kif hija saret taf li kienet qed tistenna tarbija, hija infurmat lis-soċjetà intimata b'dan minnufih, u sussegwentement hija ġiet infurmata li kienet qiegħda tiġi offruta impjieg alternattiv hawn Malta. Qalet li hija staqsiet jekk kienx hemm xogħol jew rwol għaliha li hi setgħet tagħmel mid-dar, għaliex meta ma tkunx qiegħda ttir hija tagħmel ħafna xogħol mid-dar, iżda r-risposta tas-soċjetà intimata kienet fin-negattiv. Qalet li meta bagħtet sensiela ta' domandi lis-soċjetà intimata dwar ir-rwol il-ġdid tagħha, damet madwar tnax-il ġurnata biex irċeviet risposta, u sussegwentement hija ġiet infurmata li kellha tirrapporta għax-xogħol f'uffiċċju hawn Malta, u kellha wkoll tagħmel arranġamenti għall-akkomodazzjoni tagħha f'pajjiżna. Ir-rikorrenti qalet li kif waslet Malta hija ġiet infurmata li kienet ser tkun qiegħda taħdem bħala *flight despatcher,* fatt li hija qieset bħala wieħed stramb għaliex il-*flight despatchers* is-soltu jaħdmu mid-dar u ma jintalbux jirrilokaw f'pajjiż ieħor. Qalet li meta marret fl-uffiċċju tas-soċjetà intimata, hija ġiet infurmata li kienet ser tkun qiegħda tgħin f'xogħol ta' awditjar, iżda fil-verità ma kien hemm xejn ippreparat sabiex hija tkun tista' tibda taħdem mas-soċjetà intimata. Qalet li meta staqsiet lis-soċjetà intimata dwar il-*budget* li kienet ser tiġi allokata sabiex issib residenza alternattiva hawn

Malta, hija ġiet infurmata li hija kellha tieħu ħsieb dawn l-arranġamenti hi. Kompliet tgħid li kien f'dan il-punt li hija infurmat lis-soċjetà intimata li dan l-arranġament alternattiv ma kienx jgħodd għaliha. Qalet li hija qatt ma rriżenjat minn mas-soċjetà intimata, iżda kellha tirritorna lura lejn pajjiżha għaliex hija ma setgħetx tħallas għal appartament hawn Malta, meta ma kinitx taf il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha kif kienu ser ikunu.

8. **Caroline Loesner**, direttriċi tas-soċjetà Jet Magic Air Personnel Limited, xehdet li meta hi jkollha informazzjoni li impjegati tkun qiegħda tistenna tarbija, mill-ewwel l-impjegata titwaqqaf milli ttir għas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegata u tat-tarbija tagħha. Qalet li huwa għalhekk li l-kumpannija tesiġi li l-impjegata tirriloka hawn Malta sabiex din tkun tista' taħdem mill-uffiċċju tas-soċjetà intimata. L-istess xhud spjegat li r-rikorrenti kienet tintalab ittir fuq titjiriet *on request*, u fix-xogħol tagħha kienet tintalab takkumpanja *bands* u kantanti internazzjonali u persuni bi profil għoli. Qalet li r-rikorrenti ġieli għamlet xahar tgħix abbord l-ajruplan. Spjegat li r-regoli tal-linji tal-ajru jistipulaw li meta impjegata tkun qed tistenna tarbija, din ma titħalliex ittir għal skopijiet ta' xogħol, u meta jiġri hekk is-soċjetà intimata tipprova toffri impjieg alternattiv lill-impjegata hawn Malta. Ix-xhud qalet li s-soċjetà intimata m'għandhiex uffiċini oħra għajr għal dawk li hawn f'Malta, u meta r-rikorrenti kienet offruta l-opportunità li tiġi tagħmel xogħol hawn Malta, hija ġiet Malta għal tlett ijiem, fejn suppost kellha tingħata taħriġ u informazzjoni dwar ir-rwol il-ġdid tagħha, u qalet li meta ltaqgħet mar-rikorrenti, din bdiet tistaqsi dwar min kien ser iħallas għall-akkomodazzjoni tagħha f'Malta, min kien ser iħallas għat-titjiriet

tagħha sabiex tmur għand it-tabib tal-maternità tagħha fi Spanja, u domandi simili. Ix-xhud qalet li l-ebda wieħed mill-impjegati li s-soċjetà intimata għandha jaħdmu hawn Malta ma jirċievi ħlas għall-akkomodazzjoni jew għall-ikel, jew għall-biljett tal-ajru sabiex jmur jara tabib f'xi pajjiż Ewropew. Qalet li hemm differenza bejn l-*allowances* li kienu jitħallsu lir-rikorrenti meta din kienet taħdem bħala *flight attendant,* u kellha lukandi mħallsin u kumpens għall-ikel u ħtiġijiet oħra, u s-sitwazzjoni l-ġdida tar-rikorrenti li kienet mistennija taħdem minn Malta, bl-istess kundizzjonijiet bħall-impjegati l-oħra li jaħdmu Malta. Żiedet tgħid li minkejja kollox, ir-rikorrenti kienet ser tibqa' tirċievi l-istess salarju bħal meta kienet taħdem bħala *flight attendant.*

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

9. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Frar, 2021, it-Tribunal ikkonkluda li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova li hija sfat diskriminata jew li hija tkeċċiet mill-impjieg inġustament, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Kunsiderazzjonijiet***
>
> *Illi din il-kawża si tratta prinċipalment ta' impjegata li ħarġet tqila u trid xogħol alternattiv. Il-problema hija kbira minħabba l-fatt li l-bażi tas-soċjetà intimata hija Malta waqt li r-rikorrenti tirrisjedi ġewwa Spanja.*
>
> *Ovvjament il-problema tikber.*
>
> *Il-prinċipal ammetta li l-impjegata offrewlha li tiġi taħdem Malta bħala xogħol alternattiv waqt li l-impjegata insistiet li setgħet issib xogħol mid-dar tagħha ġewwa Spanja.*

*It-Tribunal jaf li din il-kawża hija kawża sensittiva però qiegħed jiddeċiedi s-segwenti.*

*Il-bażi tal-kumpannija intimata hija Malta u jidher illi l-operazzjonijiet huma ġewwa Malta u t-Tribunal mhuwiex konvint li hemm biżżejjed xogħol li r-rikorrenti tista' taħdem ġewwa Spanja minħabba l-fatt li l-flights mhumiex daqshekk frekwenti. Ukoll minn Malta tista' taħdem mal-operaturi l-oħrajn u taħdem minn ġewwa Malta. Mhuwiex ġustifikat titlob għal xi allowance tal-flat jew tal-flights jew tal-ikel. Ukoll it-Tribunal ma jarax li hemm każ ta' diskriminazzjoni għax ma kienx hemm ħaddiema oħra li ġew offruti xi privileġġi jew li ġew offruti xi kundizzjonijiet aħjar minn dawk offruti lir-rikorrenti. Illi minkejja li ġiet Malta biex taħdem wara ftit jiem telqet lura lejn Spanja.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti, u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeċiedi billi r-rikorrenti ma ppruvatx l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u ta' tkeċċija inġusta u b'hekk tintemm il-kawża bl-ispejjeż jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## L-Appell

10. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal fit-22 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... tilqa' l-appell tagħha interpost u tirrevoka u tħassar is-sentenza tat-Tribunal Industrijali, mogħtija fit-8 ta' Frar, 2021 għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, u jekk tħossha opportuna, tilqa' t-talbiet tar-rikors tal-esponenti, u toħroġ kull ordni sabiex tiġi rimedjata din l-azzjoni inġusta u jiġi likwidat kumpens ġust kif ukoll tagħti kwalunkwe rimedju illi l-Qorti tara xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi."*

11. L-appellanta qalet li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal injora u naqas kompletament milli jittratta s-seba' talba kif imressqa minnha fir-rikors promutur, u dan għaliex it-Tribunal Industrijali naqas milli jagħmel evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Maternità (L.S. 452.91), u naqas milli jiddikjara jekk kienx hemm ksur ta' dawn ir-Regolamenti. Qalet li t-Tribunal sempliċiment ikkummenta rigward it-talba dwar l-allegata tkeċċija inġusta, mingħajr ma għamel riferiment għar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Maternità. Spjegat li ma saret l-ebda valutazzjoni tar-riskju kif mitlub mir-regolament 3(2) tar-Regolamenti, u t-Tribunal naqas milli jevalwa jekk ix-xogħol alternattiv offrut lilha kienx meqjus aċċettabbli fiċ-ċirkostanzi mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Kompliet tgħid li t-Tribunal naqas milli josserva l-alternattivi elenkati u spjegati fis-subregolamenti 3, 4, 5 u 6 li jittrattaw il-*leave* speċjali u l-*ispecial allowance,* li huma proċeduri li l-appellanta qalet li għandhom jiġu segwiti mill-prinċipal skont il-liġi meta x-xogħol alternattiv propost minnu ma jistax jiġi raġonevolment mitlub mill-impjegata. Qalet li f'dan il-każ it-Tribunal iffoka biss fuq fatti relatati mat-tkeċċija inġusta, u mhux fuq il-proċeduri li kellhom jiġu segwiti skont il-liġi. Qalet li fil-fehma tagħha t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu unikament fuq il-kwistjoni tat-tkeċċija inġusta u ma tefa' ebda dawl fuq il-legalitajiet marbuta mal-maternità u r-regolamenti speċifiċi li jirregolaw il-mod kif il-prinċipal kellu jaġixxi fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ.

12. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa marbut mal-fatt li fil-fehma tagħha t-Tribunal naqas milli jagħti interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' 'trattament

diskriminatorju' kif dedott fil-Kap. 452. Qalet li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li fil-fehma tiegħu ma kienx hemm nisa oħra tqal li rċevew trattament aħjar mill-kumpannija, u qalet li din l-interpretazzjoni tagħti l-impressjoni li organizzazzjoni tista' tittratta grupp ta' persuni b'mod inġust, l-aqwa li ma tippreferix wieħed jew waħda minnhom fuq l-oħrajn fl-istess grupp. L-appellanta qalet li f'dan il-każ hemm klassi ta' impjegati li qegħdin jiġu diskriminati għaliex qegħdin jintalbu jirrilokaw f'Malta jekk ikunu qegħdin jistennew tarbija, u dawn l-impjegati m'għandhomx triq oħra għaliex jekk joġġezzjonaw jew jitilfu x-xogħol jew ikollhom jirriżenjaw. Qalet li fil-fehma tagħha t-Tribunal ta interpretazzjoni dejqa, limitata u żbaljata tal-liġijiet iċċitati minnha. Qalet ukoll li fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal l-ewwel qal li kien hemm mara oħra li ġiet trattata b'mod differenti mill-appellanta, u wara kompla jgħid li ma kienx hemm nisa oħra li ġew trattati aħjar, u qalet li għalhekk hemm stqarrijiet kunfliġġenti u li joħolqu aktar mistoqsijiet milli tweġibiet fid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

13. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija korretta u għandha tiġi kkonfermata, filwaqt li l-appell tal-appellanta għandu jiġi miċħud. Spjegat li d-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat dwar il-kwistjoni tat-tkeċċija allegatament inġusta, u t-Tribunal ma kellu l-ebda obbligu jipprovdi linji gwida dwar il-mod kif kellu jimxi l-prinċipal f'dan il-każ. Qalet li l-mod kif għandu jġib ruħu l-prinċipal u d-drittijiet tal-appellanta jinsabu mniżżla fil-liġi, u anki fil-

kuntratt ta' impjieg tal-appellanta, u għalhekk il-kompitu tat-Tribunal kien li jevalwa l-fatti sabiex jara jekk kienx hemm każ ta' tkeċċija inġusta kif ġie allegat mill-appellanta, jew le. Qalet li l-appellanta kienet impjegata bħala *flight attendant* u għalhekk ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità għandhom jiġu interpretati fil-kuntest partikolari tal-fatt li x-xogħol tal-appellanta jrid isir fuq ajruplan fl-ajru. Qalet li mill-provi rriżulta wkoll li hekk kif l-appellanta infurmat lill-prinċipal tagħha ili kienet qed tistenna tarbija, hija ġiet mgħarrfa li ma setgħetx tkompli taħdem bħala *flight attendant* għaliex dan huwa xogħol ta' riskju għaliha, u għalhekk ġiet offruta xogħol alternattiv bl-istess kundizzjonijiet li kellha qabel, imma bid-differenza li dan ix-xogħol kellu jsir minn uffiċċju hawn Malta, li hu l-uniku uffiċċju li għandha s-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellata spjegat li l-appellanta niżlet Malta minn Spanja, u s-soċjetà appellata minn jeddha għażlet li tħallas għall-ispiża ta' dan il-vjaġġ, u ħallset ukoll għal ġimgħa akkomodazzjoni f'lukanda sakemm l-appellanta ssib akkomodazzjoni għaliha. Qalet li l-appellanta però lmentat li hija kellha tħallas għall-akkomodazzjoni tagħha u ppretendiet li l-prinċipal iħallas kemm għall-akkomodazzjoni kif ukoll għall-ikel, u wara ftit jiem l-appellanta minn jeddha għażlet li tirritorna lura Spanja. Is-soċjetà appellata qalet li huma dawn il-fatti li qies it-Tribunal qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Kompliet tgħid li dan huwa appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali dwar tkeċċija allegatament inġusta, u għaldaqstant japplika l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 li jirrestrinġi l-jedd ta' appell fuq punt ta' liġi biss. Kompliet tgħid li l-interpretazzjoni tal-fatti da parti tat-Tribunal hija materja li ma jistax jitressaq appell dwarha. L-appellata qalet li f'kull każ ma jirriżulta l-ebda ksur tal-liġi da parte tagħha, u ladarba l-appellanta ma setgħetx

twettaq l-inkarigu tagħha bħala *flight attendant,* hija ġiet offruta xogħol alternattiv adegwat *ai termini* tal-liġi, u bl-istess salarju. Kompliet tgħid li x-xogħol alternattiv kellu jsir mill-uffiċċju tas-soċjetà appellata, bl-istess mod kif isir xogħol ieħor mill-impjegati l-oħra tas-soċjetà appellata li jgħixu u jaħdmu minn Malta. Qalet li l-appellanta aċċettat ix-xogħol alternattiv fl-uffiċċju ta' Malta, iżda ppretendiet li apparti li tingħata l-istess salarju bħal meta kienet taħdem bħala *flight attendant,* is-soċjetà appellata kellha tħallas għall-akkomodazzjoni tagħha, u li hija tibqa' taħt il-kura tat-tabib li kellha fi Spanja. Is-soċjetà appellata qalet li la l-liġi u lanqas il-kuntratt ta' impjieg tal-appellanta ma jipprovdu għal dak li l-appellanta ppretendiet hekk kif waslet Malta, u l-appellanta kienet ben konxja tal-fatt li illi jekk tinqabad tqila, hija ma setgħetx tibqa' taħdem bħala *flight attendant,* kif ukoll li l-uniku uffiċċju tas-soċjetà appellata jinsab Malta. Żiedet tgħid li għalhekk ma kellux jirriżulta li s-soċjetà appellata naqset milli tonora l-obbligi tagħha jew li din aġixxiet bi ksur tal-liġi, għaliex iċ-ċirkostanzi li qiegħda tilmenta minnhom l-appellanta kienu jeżistu mill-mument tal-impjieg tagħha u ma jirriżultawx minn xi nuqqas da parti tal-prinċipal.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, is-soċjetà appellata qalet li fir-rikors tal-appell jiġu ċċitati brani allegatament mid-deċiżjoni appellata, li però ma jirriżultawx mill-istess deċiżjoni. Qalet li barra minn hekk, kuntrarjament għall-każi ta' allegati tkeċċija inġusta, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-appellanta bħala impjegata u mhux fuq il-prinċipal, u fil-każ odjern ma tressqu l-ebda provi f'dan ir-rigward. Is-soċjetà appellata qalet li fir-rikors tal-

appell, l-appellanta mkien ma qalet li d-diskriminazzjoni minnha allegata hija fis-sens li impjegati oħra tas-soċjetà appellata ġew ittrattati b'mod differenti jew aktar favorevoli minnha, jew li hija ġiet ittrattata b'mod inqas favorevoli minn oħrajn, imma li d-diskriminazzjoni seħħet fil-konfront ta' grupp jew klassi ta' impjegati, f'dan il-każ il-*flight attendants.* Is-soċjetà appellata qalet li mill-provi kellu jirriżulta li l-appellanta ġiet offruta impjieg alternattiv u bl-istess paga, u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm diskriminazzjoni f'dan is-sens. Kompliet tgħid li x-xogħol tal-appellanta bħala *flight attendant* huwa wieħed partikolari, li kellu jitwaqqaf hekk kif jirriżulta li hija kienet qed tistenna tarbija, kif ukoll għaliex minħabba n-natura tax-xogħol, huwa ferm diffiċli li l-appellanta tiġi offruta impjieg alternattiv simili għal dak ta' *flight attendant.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanta, il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà appellata li l-appell odjern huwa wieħed irritu u null għaliex ma sarx fuq punt ta' liġi kif jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 iżda fuq il-mod kif it-Tribunal interpreta punti ta' fatt li tqajmu quddiemu. L-appellanta fl-ewwel aggravju tagħha tgħid li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni ta' wħud mit-talbiet tagħha, u għalhekk b'mod indirett l-appellanta qiegħda tippretendi li din il-Qorti terġa' tevalwa l-fatti fil-kuntest tar-Regolamenti u dispożizzjonijiet legali ċċitati minnha sabiex tara jekk seħħx il-ksur allegat mill-appellanta. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa dwar il-mod kif it-Tribunal interpreta l-kunċett ta' 'trattament diskriminatorju'. Il-Qorti

tirritjeni li l-appell odjern għandu l-iskop li jindirizza punti legali mqajma mill-appellanta, u għalhekk sejra tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità sollevata mis-soċjetà appellżata, u sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mqajma mill-appellanta.

*L-ewwel aggravju:* *[It-Tribunal naqas milli jindirizza wħud mit-talbiet tal-appellanta; ma tax piż lill-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità ċċitati mill-appellanta]*

16. L-appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jippronunzja ruħu dwar is-seba' talba tagħha, jiġifieri dwar jekk jistax jintqal li seħħ ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91. L-appellanta tgħid li minkejja li hija ġiet offruta xogħol alternattiv, li fil-fehma tagħha ma kienx xogħol xieraq, it-Tribunal Industrijali naqas milli jevalwa ċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tar-Regolamenti Dwar il-Ħarsien ta' Maternità (L.S. 452.91), kif ukoll naqas kompletament milli jiddikjara jekk hemmx ksur ta' dawn ir-Regolamenti kif mitlub mir-rikorrenti fil-prim istanza, u minflok it-Tribunal ikkummenta, b'mod ġenerali, dwar it-talba tar-rikorrenti biex jiġi dikjarat li kien hemm tkeċċija inġusta. L-appellanta rrilevat li f'dan il-każ ma saret l-ebda valutazzjoni tar-riskju kif mitlub mir-regolament 3(2) tar-Regolamenti (L.S. 452.90), u t-Tribunal lanqas ma kkonsidra jekk ix-xogħol alternattiv offrut lill-appellanta kellux jitqies aċċettabbli fiċ-ċirkostanzi, u jekk il-prinċipal mexiex mal-obbligi imposti fuqu bil-liġi sabiex jassigura li l-appellanta tingħata *leave* speċjali u *allowance* speċjali, f'każ li jiġi stabbilit li x-xogħol alternattiv propost ma kienx raġonevoli għaliha.

17. Il-Qorti qieset li l-appellanta kienet impjegata bħala *flight attendant* mas-soċjetà appellata, liema soċjetà għandha biss uffiċċju wieħed, li jinsab hawn Malta. Jirriżulta li meta l-appellanta infurmat lis-soċjetà appellata li kienet qiegħda tistenna tarbija, hija mill-ewwel ġiet offruta impjieg alternattiv fl-uffiċċju li s-soċjetà appellata għandha hawn Malta, u dan b'rispett sħiħ lejn ir-regolamenti li jirregolaw is-saħħa u s-sigurtà tal-*flight attendants,* li hekk kif jinfurmaw lill-prinċipal tagħhom li qed jistennew tarbija, jiġu *grounded.* L-appellanta ġiet infurmata li hija kellha tirriloka f'Malta sabiex tkun tista' taħdem mill-uffiċċju tas-soċjetà appellata hawn Malta, bl-istess salarju u kundizzjonijiet li kienet tgawdi meta kienet għadha ttir. L-appellanta ġiet Malta fejn kellha laqgħa mad-direttriċi tas-soċjetà appellata Caroline Loesner, fejn ġew spjegati l-kundizzjonijiet tax-xogħol alternattiv tal-appellanta. Jirriżulta li l-appellanta vvantat pretensjonijiet li ma kinux jirriżultaw mill-kuntratt ta' impjieg tagħha, bħall-ħlas għall-akkomodazzjoni tagħha f'Malta u titjiriet imħallsa biex tmur Spanja sabiex tkun tista' tagħmel viżti mediċi rigward it-tqala tagħha. Jirriżulta li meta l-appellanta indunat li dawn it-talbiet tagħha ma kinux ser jiġu milqugħa, u li hija kienet mistennija tħallas għall-akkomodazzjoni tagħha f'Malta, bl-istess mod bħal ħaddiema oħrajn tal-istess soċjetà appellata, hija ddeċidiet li tirritorna lura lejn Spanja u baqgħet ma rrappurtat qatt għax-xogħol fl-uffiċċju ta' Malta. Jirriżulta wkoll li l-appellanta ppretendiet jew talbet, li tiġi assenjata xogħol li setgħet tagħmel mid-dar, sabiex tkun tista' tibqa' tgħix Spanja, imma s-soċjetà infurmatha li ma kienx hemm dan it-tip ta' xogħol li seta' jingħatalha. Hekk kif l-appellanta infurmat lis-soċjetà appellata li hija kienet qiegħda tirritorna lura Spanja għaliex kienet ikkunsidrat li l-offerta ta' impjieg alternattiv li saritilha ma

kinitx waħda raġonevoli, is-soċjetà appellata kienet weġbitha lura li hija kienet qiegħda tinterpreta din il-mossa bħala 'riżenja' minn mal-kumpannija. Mill-provi ma jirriżultax f'liema xahar l-appellanta waqfet titħallas mis-soċjetà appellata.

18. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ l-obbligi tas-soċjetà appellata kienu jestendu sa fejn din kellha tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegata tagħha billi twaqqafha milli ttir fuq xogħol, filwaqt li toffrilha impjieg alternattiv li jkun idoneu għaliha. Is-sitwazzjoni odjerna kkumplikat ruħha għaliex l-appellanta, ċittadina Spanjola residenti f'Barcelona, intalbet tirriloka f'Malta sabiex tkun tista' twettaq ix-xogħol alternattiv offrut lilha mis-soċjetà appellata, u dan sabiex din tkun tista' taħdem mill-uniku uffiċċju li s-soċjetà appellata għandha, jiġifieri dak li jinsab f'Malta. L-appellanta kienet ser tingħata taħriġ biex tkun tista' tagħmel dan ix-xogħol, u kienet ser tingħata l-istess salarju bl-istess kundizzjonijiet li kellha meta kienet taħdem bħala *flight attendant* mal-istess kumpannija. L-appellanta setgħet tilmenta li x-xogħol ma kienx idoneu għaliha li kieku hija ġiet offruta xogħol ta' strapazz li kien ser jikkawża dannu għal saħħitha, jew li kieku ġiet offruta xogħol li kien impossibbli għaliha li tagħmlu. Imma l-appellanta ma tistax tilmenta li x-xogħol alternattiv offrut lilha ma kienx idoneu għaliha, għaliex ma tħallietx taħdem mill-kumdità ta' darha, jiġifieri minn Spanja, u minflok intalbet tibda taħdem mill-uniku uffiċċju tas-soċjetà appellata, li jinsab f'Malta. Mill-provi jirriżulta li l-appellanta ddeċidiet li l-impjieg alternattiv offrut lilha ma kienx idoneu għaliha wara li hija ġiet mgħarrfa li minkejja li kienet ser tibqa' tingħata l-istess salarju, hija kellha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mal-akkomodazzjoni tagħha f'Malta u kellha tħallas ukoll għat-titjiriet lura lejn

pajjiżha. Huwa hawnhekk fejn l-appellanta ma kinitx raġonevoli fil-pretensjonijiet tagħha. It-Tribunal ma kellu l-ebda obbligu, ladarba wasal għall-konklużjoni li dan ma kienx każ ta' tkeċċija, u wisq inqas ta' tkeċċija inġusta, li jinkwadra ruħu taħt ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (L.S. 452.91), ladarba mill-provi rriżulta li kienet l-appellanta li rrifjutat l-offerta li saritilha, u ddeċidiet li titlaq lura lejn pajjiżha. F'dan ir-rigward irid jintqal li f'dan il-każ ma kien hemm għalfejn issir l-ebda stima tal-livell ta' periklu li ħaddiema tqal tas-soċjetà appellata kienu ser jiġu esposti għalih, u dan għaliex fil-każ ta' persuni li jaħdmu bħala *flight attendants,* ir-regola ġenerali hija li dawn jiġu *grounded* hekk kif jinfurmaw lill-prinċipal tagħhom bl-istat tat-tqala li jkunu fih. F'dan il-każ is-soċjetà appellata offriet impjieg alternattiv lill-appellanta, imma kienet l-appellanta li ddeċidiet li ma riditx taħdem b'dawk il-kundizzjonijiet, mhux għaliex ix-xogħol li ngħatat kien ta' periklu għaliha, imma għaliex indunat li kienet ser tispiċċa f'sitwazzjoni fejn ikollha tħallas għall-akkomodazzjoni tagħha f'Malta, xi ħaġa li hi ma riditx tagħmel.

19. Il-Qorti tirritjeni li f'dan il-każ kien il-kuntratt ta' impjieg tal-appellanta li ħaseb għall-evalwazzjoni tar-riskju għas-saħħa u s-sigurtà tagħha f'każ li din tkun tqila, tant hu hekk li l-istess kuntratt ta' impjieg kien jipprovdi għall-offerta ta' impjieg alternattiv lill-impjegata. Din l-offerta saret, anki jekk l-appellanta għal raġunijiet tagħha għażlet li ma taċċettax l-offerta li saritilha. Għal dan kollu ma taħtix is-soċjetà appellanta, u għalhekk jirriżulta li din qdiet l-obbligi tagħha fil-konfront tal-impjegata. B'riferiment għar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità li tirreferi għalihom l-appellanta, jirriżulta li l-appellanta ma talbet li

tingħata l-ebda *leave* speċjali tal-maternità, f'liema każ hija kien ikollha jedd għal ħlas ekwivalenti għar-rata ta' benefiċċju tal-mard pagabbli skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Lanqas ma jirriżulta li l-appellanta għamlet xi talba f'dan ir-rigward wara li hija rritornat lura lejn pajjiżha, u għalhekk kellha raġun is-soċjetà appellata tqis li l-appellanta kienet abbandunat l-offerta ta' xogħol alternattiv li saritilha, partikolarment meta din telqet lura lejn pajjiżha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[in-nuqqas ta' interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' 'trattament diskriminatorju']*

20. L-appellanta qalet li f'dan il-każ it-Tribunal naqas milli jinterpreta l-kunċett ta' 'trattament diskriminatorju' b'mod korrett, għaliex l-ilment tagħha kien marbut mhux tant mal-fatt li hija ngħatat trattament differenti minn dak li ngħataw *flight attendants* oħra, imma mal-fatt li fi ħdan il-kumpannija appellata kien hemm grupp ta' ħaddiema, il-*flight attendants,* li meta xi ħadd minnhom jinforma lill-prinċipal tagħhom li qed tistenna tarbija, qegħdin jintalbu mis-soċjetà appellata illi sabiex ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol alternattiv offrut lilhom, ikollhom jitilqu minn pajjiżhom u jirrilokaw f'Malta. Qalet li 'trattament diskriminatorju' jammonta għal distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika għal raġunijiet bħalma huma t-tqala u l-istat konjugali. L-appellanta qalet li hija setgħet twettaq l-impjieg alternattiv offrut lilha mingħajr il-ħtieġa li titlaq minn pajjiżha, u l-imsemmija klassi ta'

ħaddiema mhija tingħata l-ebda alternattiva għajr li taċċetta l-offerta li ssirilha li tirriloka jew inkella titlef l-impjieg tagħha.

21. Il-Qorti tirritjeni li l-appellanta naqset milli tispjega kif fil-fehma tagħha din il-klassi ta' ħaddiema, il-*flight attendants,* qegħdin jiġu diskriminati mis-soċjetà appellata, ladarba jirriżulta li l-kumpannija offriet impjieg alternattiv lill-appellanta, bl-istess salarju u saħansitra bl-istess kundizzjonijiet li l-appellanta kellha qabel meta kienet taħdem bħala *flight attendant*. Għal raġunijiet ta' prattiċità u loġistika, is-soċjetà appellata esiġiet li l-appellanta tirriloka f'Malta, kemm għaliex kien hemm xi taħriġ li din kellha tingħata qabel tkun tista' tibda taħdem f'dan ir-rwol il-ġdid li ġie offrut lilha, kif ukoll għaliex l-uniku uffiċċju tas-soċjetà appellata jinsab proprju f'Malta. B'daqshekk però ma jistax jingħad li t-Tribunal naqas milli jinterpreta l-kunċett ta' 'trattament diskriminatorju' b'mod korrett, partikolarment meta jirriżulta li l-appellanta kienet taf li f'każ li xi darba hija tkun qiegħda tistenna tarbija, ir-regoli tal-ajru jipprojbixxu li hija tibqa' titħalla ttir, u kienet taf ukoll li s-soċjetà appellata għandha biss uffiċċju f'Malta, u għalhekk f'każ li hi tingħata impjieg alternattiv din kien ser ikollha tirriloka f'Malta. Il-Qorti tisħaq li l-uniku obbligu li kellha s-soċjetà appellata kien li toffri impjieg alternattiv li jkun idoneu għall-istat li kienet tinsab fih l-appellanta meta kienet qed tistenna tarbija. Ma jistax jintqal li għax il-*flight attendants* li jkunu qed jistennew tarbija, jintalbu li jaħdmu minn uffiċċju f'Malta, filwaqt li pereżempju piloti li jkunu qed jistennew tarbija jsirulhom arranġamenti oħra, b'daqshekk hemm diskriminazzjoni. Barra minn hekk il-kundizzjonijiet tal-impjieg kienu ċari minn qabel l-appellanta ffirmat il-kuntratt ta' impjieg tagħha,

u għaldaqstant mhux ġustifikata d-dikjarazzjoni tagħha li hija jew il-*flight attendants* l-oħra b'xi mod qegħdin jiġu diskriminati. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi dan it-tieni aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu ukoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-istess appellanta. Spejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**